# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 17**

**Avviz numru 727/99/SM**

**Joseph Caruana**

**vs**

**Joseph Bonavia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur Joseph Caruana sejjah lill-konvenut Joseph Bonavia biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (LM520.00,0) bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tibjid, kisi li sar fil-fond tal-konvenut, mill-attur gewwa H'Attard;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-29 t'April, 1999, bl-imghax skond il-ligi u l-konvenut b'hekk ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa l-infondateza ta' l-avviz stante:**

**1. Illi l-azzjoni attrici hija intempestiva peress illi kienu qed isiru trattattivi b'korrispondenza ghal soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet, liema trattattivi waqfu hesrem minghajr ebda risposta da parti da l-attur;**

**2. Illi minghajr pregudizzju, jinghad illi mis-somma riklamata fl-avviz, l-konvenut esponent lest u dispost (kif dejjem kien) li jhallas dik il-parti mis-somma ta' LM520 rapprezentanti x-xoghol li l-attur lehaq esegwixxa fil-fond ta' l-esponent qabel abbanduna l-istess lok tax-xoghol, pero' stante illi x-xogholijiet li l-attur kien inkarigat jaghmel ghadhom mhux kompluti, u jonqos illi jsir xoghol ta' xkatlar u xoghol fuq il-fil ta' partijiet mill-fond de quo, l-esponent mhux lest li jhallas ghax-xoghol mhux maghmul;**

**3. Illi in vista ta' dan, u minghajr pregudizzju, l-esponent, a bazi ta' stima lilu moghtija minn min lest li jkompli x-xogholijiet li ma kompliex l-attur, lest li jhallas is-somma ta' LM320 lill-attur, illi l-bilanc ta' LM200 jirrapprezentaw hlas li l-esponent irid jghamel lil terzi sabiex jitlesta x-xoghol li originarjament kien inkarigat jaghmel l-attur;**

**4. Illi stante illi diga' kien hemm din l-offerta da parti ta' l-esponent u ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, l-istess esponent qieghed jipprotesta ruhu ghall-ispejjez ta' l-odjerna kawza;**

**5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**6. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-partijiet f'din il-kawza ikkonkludew ftehim ta' appalt orali bejniethom fejn ftehemu li l-attur kellu jeffettwa xoghol ta' tibjid, kisi u tikhil, fuq gewwa u fuq barra tal-proprjeta' tal-konvenut ghall-prezz ta' seba' mitt Lira Maltin;**

2. **Illi pero' l-partijiet ma kienux ta' l-istess fehema ghar-rigward tax-xoghol li effettivament kellu jsir stante li l-attur isostni li ikkonkluda x-xoghol skond il-ftehim pattwit u l-konvenut isostni li x-xoghol pattwit jinkludi l-ixkattlar;**

3. **Illi eventwalment il-partijiet kissru kull rapport bejniethom u saret din l-kawza ghall-ammont indikat fl-avviz odjern wara li l-konvenut kien hallas biss lill-attur is-somma ta' mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), kif jidher mid-dokument immarkat Dok. AF 2 a fol 28 tal-process;**

4. **Illi kif isostni l-attur jidher li dan ikkonkluda x-xoghol minnhu rikjest skond il-ftehim pattwit;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza de quo hi biss ippernjata fuq il-fatt jekk xoghol ta' xkattlar kien regolarment pattwit bejn il-partijiet;**

**Illi jidher li l-ixkattlar jirrikjedi xoghol ta' natura differenti u aktar skabruza mit-tibjid, kisi u tikhil u ghalhekk wiehed ma jistghax isostni b'felicita' li dan ix-xoghol hu intiz jew inkluz fit-tlieta l-ohra;**

**Illi jidher li l-manodopera involuta hi wkoll ta' natura differenti u allura jekk il-partijiet riedu jikkonkludu xi ftehim fir-rigward kellhom l-obbligu li jindikaw l-istess b'mod specifiku, haga li ma tirrizultax;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Joseph Bonavia jhallas lill-attur Joseph Caruana il-bilanc ta' hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0), bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**